TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 529/10

**Marika Cassar**

**vs**

**Dickens u Intercomp**

Illum 18 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet danni sebgħa u sebgħin ewro (€77), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li kellu l-ħsara u minkejja li saret it-tiswija, dana xorta baqa' bil-problemi.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimati li huma rappreżentanti tad-ditti ntimati, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *mobile phone* li wara ftit ġralu l-ħsara u minkejja li ħaditu għat-tiswija, dan il-*mobile phone* xorta baqa' bil-problemi.

It-Tribunal, jinnota illi ġiet kjamata in kawża s-soċjeta' Intercomp Marketing Ltd minħabba li kienet il-kumpanija li offriet il-garanzija.

Is-soċjeta' intimata Dickens issottomettiet illi meta għaddiet il-*mobile phone* lis-soċjeta' l-oħra Intercomp, ġiet infurmata illi sabu traċċi ta' *corrosion.*

Da parte tagħha, s-soċjeta' intimata Intercomp issottomettiet illi meta bagħtu l-*mobile phone* barra minn Malta, kien hemm il-*corrosion.*

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi t-tiswija kellha tkun prezz baxx, ċirka erbatax-il ewro (€14), u li s-soċjeta' intimata Dickens kienet lesta li tħallas nofsha, minkejja li kien hemm l-*oxidisation* li ġie ppruvat mir-ritratti.

Għaldaqstant, wara li eżamina r-ritratti, t-Tribunal jinnota li verament kien hemm l-*oxidisation* fuq dan il-*mobile phone*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**